

31998F0700

9.12.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 333/4

AZZJONI KONĠUNTA

tat-3 ta' Diċembru 1998

adottata mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' Immaġini (FADO)

(98/700/JHA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu K.3(2)(b) tiegħu,

Artikolu 1

Billi l-Artikolu K.1(3) tat-Trattat jipprovdi li l-politika ta' immigrazzjoni u l-politika li tirrigwarda ċittadini ta' pajjiżi terzi huma kwistjonijiet ta' interess komuni;

1. Sistema Ewropea ta' arkivjar ta' immaġini hija b'dan stabbilita għall-fini ta' skambju, permezz ta' mezzi komputerizzati u fi żmien qasir ħafna, informazzjoni li l-Istati Membri jkollhom fil-pussess tagħhom dwar dokumenti ġenwini u folozli jkunu ġew rekordjati skond il-proċedura preskritta fl-Anness li jinsab ma' din l-Azzjoni Konġunta.

Billi l-ġlieda kontra d-dokumenti foloz hija żona koperta bil-politika ta' immigrazzjoni u l-koperazzjoni tal-pulizija; billi l-proliferazzjoni ta' dokumenti ġenwini u foloz tqanqal il-ħtieġa ta' aġġornar frekwenti; billi l-fatt li t-teknika wżata għall-produzzjoni ta' dokumenti ġenwini u l-falsifikazzjonijiet tagħhom kull ma jmur issir aktar sofistikata u tqajjem ukoll il-ħtieġa ta' mezz ta' kwalità għolja;

2. Din is-sistema m'għandhiex tissostitwixxi jew telimina skambji ordinarji fuq il-karta sakemm l-Istati Membri kollha jkunu f'pożizzjoni li jużaw is-sistema komputerizzata.

Artikolu 2

Billi l-Bulletin Ewropew dwar il-Frodi u l-Ktejjeb dwar Dokumenti Ġenwini ma jilhqax għal kollox il-ħtiġiet ta' riproduzzjoni mgħaġġla u eżatta, li hija r-raġuni għaliex l-użu ta' sistema ta' arkivjar komputerizzata ta' immaġini, b'taħriġ adattat għall-impjegati konċernati, hija element prinċipali fl-strateġija kollox ma' kollox maħsuba biex jintlaħqu l-ħtiġiet ta' l-Istati Membri;

Id-*database* tas-sistema għandu jkun fih, fost ħwejjeġ oħra, l-informazzjoni li ġejja:

- (a) immaġini ta' dokumenti foloz u iffalsifikati;
- (b) immaġini ta' dokumenti ġenwini;
- (c) informazzjoni sommarja dwar teknika ta' falsifikazzjoni;
- (d) informazzjoni sommarja dwar teknika ta' sigurtà.

Billi diversi Stati Membri għandhom sistema ta' arkivjar komputerizzata ta' immaġini li huma fil-proċess li jibdew iħaddmu;

Artikolu 3

Billi, sabiex jiġi assigurat livell għoli ta' kontroll mill-Istati Membri, jkun utli li tiġi ntrodotta sistema ta' arkivjar komputerizzata ta' immaġini li ttiprovdi aċċess għal dawk li jivverifikaw id-dokumenti fl-Istati Membri;

L-istabbiliment tas-sistema Ewropea m'għandux iżomm lil kull Stat Membru milli jiżviluppa u juża s-sistema nazzjonali tiegħu stess li tikkorrispondi mal-ħtiġiet tas-servizzi nazzjonali tal-fruntiera u s-servizzi nterni responsabbli għall-verifikazzjoni tad-dokumenti.

Billi, sabiex ikun assigurat li l-informazzjoni fis-sistema tkun kompatibbli u uniformi, huwa meħtieġ li jitħejjew proċeduri għall-preparazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri għall-inklużjoni fis-sistema u proċeduri għall-kontroll u l-ivverifikar ta' dawk il-kontribuzzjonijiet;

Artikolu 4

Billi din l-Azzjoni Konġunta ma tteffettwax il-kompetenza ta' l-Istati Membri li tirrelata mar-rikonossiment ta' passaporti, dokumenti ta' l-ivvjaġġar, viżi, jew dokumenti oħra ta' l-identità,

Il-Kunsill għandu jadotta mingħajr dewmien l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jirrelataw mal-kompatibilità ma' sistemi eżistenti, fir-rigward tad-dħul ta' informazzjoni fis-sistema u l-proċeduri għall-kontroll u l-verifikar ta' dik l-informazzjoni.

Artikolu 5

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali u tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha.

L-Artikolu 1 għandu japplika mhux aktar tard minn 12-il xahar wara li l-miżuri msemija fl-Artikolu 4 jiġu adottati.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' Diċembru 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

K. SCHLÖGL

L-ANNESS

SISTEMA EWROPEA TA' ARKIVJAR TA' IMMAĠINI

Għandha tinħoloq sistema komputerrizzata fi ħdan is-Segretarjat tal-Kunsill, li għandu jkun fiha dokumenti ġenwini, flimkien ma' dokumenti foloz u falsifikati.

L-isem tas-sistema Ewropea huwa FADO (*False and Authentic Documents*/Dokumenti Foloz u Awtentiċi).

1. **Deskrizzjoni tas-sistema**

- is-sistema għandha taqra minn servizz ċentrali wieħed lokat f'kull Stat Membru,
- is-sistema għandha tkun ibbażata fuq it-teknoloġija ta' l-Internet. Is-sistema għandha tassigura li l-informazzjoni tkun tista' tiġi trasmessa malajr lis-servizzi nazzjonali ċentrali. Malli l-informazzjoni tkun ingħatat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, għandha tiddaħħal kemm jista' jkun malajr fis-sistema FADO. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għaż-żieda ta' din id-*data* mas-sistema nazzjonali tiegħu stess jew kopja tas-sistema FADO,
- is-sistema għandha tkun multilinwali,
- is-sistema għandha tkun faċli biex tintuża mill-utent,
- is-sistema għandha tkun ibbażata fuq kodifikazzjoni stretta ħafna. Is-sigurtà ta' l-informazzjoni kontenuta fis-sistema komputerrizzata għandha tkun garantita. Is-sistema għandha tużo linji speċjali ta' *data* bejn is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u s-servizzi ċentrali lokati fl-Istati Membri,
- ġewwa kull Stat Membru, is-sistema għandha tinqara permezz ta' internet fiż-żgur minn servizz ċentrali. L-Istat Membru jista' juża l-istess sistema internament fuq it-territorju tiegħu stess (li tfisser li jgħadd stazzjonijiet differenti mal-postijiet varji tiegħu ta' kontroll mal-fruntiera jew awtoritajiet oħra kompetenti). M'għandha jkun hemm ebda konnessjoni diretta bejn stazzjon tax-xogħol, minbarra servizz nazzjonali ċentrali, u punt ċentrali fis-Segretarjat Ġenerali. Għandu jinħoloq mekkaniżmu biex jidduplika u jaġġorna s-sistema lokata fl-Istati Membri mis-sistema FADO (tejp, diski li jistgħu jitneħħew, CD-ROM eċċ.).
- kull Stat Membru għandu jkun liberu li jżviluppa is-sistema fiż-żgur nazzjonali tiegħu stess għat-trasmissjoni tad-*data* interna,
- is-sistema FADO għandha taħdem permezz ta' *network* bejn il-punt ċentrali ġewwa s-Segretarjat Ġenerali u s-servizzi ċentrali lokati f'kull Stat Membru, li għandhom jippermettu għall-iskambju rapidu ta' informazzjoni,
- peress li d-dokumenti jintbagħtu elettronikament biex ikunu jistgħu jiddaħħlu fis-sistemi eżistenti nazzjonali, il-format użat għall-immaġini għandu jkun wieħed *standard* (JPEG, TIFF, BMP, eċċ.). Il-kwalità ta' l-immaġini għandha tkun l-aħjar waħda possibbli, iżda għandu jkun hemm bilanċ xieraq bejn il-kwalità ta' l-immaġini, id-daqs u l-kompresjoni.
- immaġini żżomjati għandhom, fejn meħtieġ, jkunu disponibbli għall-partijiet importanti ta' l-immaġini,
- is-sistema għandha tippermetti għal paragun fuq l-iskrin ben id-dokument oriġinali u dokument falz jew iffalsifikat,
- is-sistema għandha tipprovdi spjegazzjonijiet dwar it-teknika differenti ta' falsifikazzjoni u t-teknika ta' sigurtà,
- referenzi għal kliem ieħor band'oħra għandhom ikunu meħtieġa sabiex l-utenti jkunu jistgħu jsibu l-informazzjoni kollha dwar dokument malajr kemm jista' jkun,
- l-ewwel prijorità għandha tingħata lid-dokumenti ta' l-Istati Membri, kif ukoll lid-dokumenti ta' pajjiżi terzi li minnhom hemm kurrenti regolari ta' immigrazzjoni lejn l-Istati Membri. L-informazzjoni fis-sistema għandha tiġi estiża u aġġornata biex tinkludi d-dokumenti l-oħra kollha, li jagħmluha kompleta kemm jista' jkun,
- is-sistema għandha tintroduċi *flash* li jinvolvi li jintbagħat messaġġ ta' twissija lill-Istati Membri kollha dwar dokument falz partikolari permezz ta' posta elektronika,
- is-sistema għandu jkollha aktar minn livell wieħed. Il-possibbiltà li jiġi żviluppar livell addizzjonali ta' mistoqsija, sabiex tinkludi informazzjoni aktar dettaljata għall-esperti, għandha tingħata konsiderazzjoni tagħha mill-bidu,
- is-sistema għandu jkun fiha żona speċjali għall-inklużjoni ta' dokumenti li m'humiex rikonoxxuti minn Stat Membru wieħed jew aktar.

2. **Spejjeż tas-sistema**

L-ispejjeż li jirrelataw ma' l-istabbiliment u t-tħaddim tas-sistema FADO għandhom jikkonsistu fl-akkwist ta' tagħmir tekniku u l-ispejjeż tal-ħaddiema. Minħabba li s-sistema FADO hija ddisinjata purament għall-arkivjar u t-trasmissjoni elettroniċi ta' dokumenti, li fil-present qiegħed isir fil-forma ta' dokumenti fuq il-karta, dawk l-ispejjeż għandhom jikkostitwixxu nefqiet amministrattivi għall-Kunsill, skond it-tifsira ta' l-Artikolu K.8(2), l-ewwel sentenza tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
